**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 288/2021 MS*

**Mark William Grima u Simon Grima**

**Vs.**

**Automated Revenue Management Services Ltd f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

Illum, 16 ta' Mejju, 2024

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fit-30 ta' Marzu, 2021, li bih huma, wara li ppremettew hekk:

**<u>Ix-xorta tal-ilment u l-fatti li minnhom inqala' l-ilment</u>**

Nhar it-12 ta' Marzu 2021, ir-rikorrenti gew notifikati b'dikjarazzjoni magħmula mill-ARMS Limited f'isimha

proprju u għan-nom tal-Enemalta PLC u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din id-dikjarazzjoni tikkonċerna s-somma globali ta' €184,635.16. Is-soċjetà intimata tallega illi din is-somma hija dovuta lilha mir-rikorrenti fir-rigward tal-provvista tal-elettriku f'diversi stabbilmenti illi jappartienu lilhom, kienu jappartienu, u/jew kienu gestiti minnhom. Kontestwalment ma' din id- dikjarazzjoni, is-soċjetà intimata intavolat ukoll mandat ta' sekwestru fejn ikkawtelat is-somma pretiza minnha.

Fir-rigward tal-premess, ir-rikorrenti jirrilevaw illi r-relazzjoni tagħhom mas- soċjetà intimata hija regolata b'kuntratt. Bl-operat ta' dan il-kuntratt, is- somma surriferita mhijiex dovuta mir-rikorrenti, stante li l-ftehim mas-soċjetà intimata huwa illi s-somma għandha titħallas mir-rikorrenti mensilment f'ammonti roteali.

Skont il-kuntratt in kwistjoni, illi għadu in vigore, din is-somma kienet qiegħda tigi debitament imħallsa mir-rikorrenti lis-soċjetà intimata fl- ammonti pattwiti.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jikkontendu illi t-talba tas-soċjetà intimata hija waħda infondata.

**<u>Ir-raġunijiet ‘l għaliex l-ilment għandu jintlaqa’</u>**

Għar-raġunijiet esposti għandu jintlaqa’ l-ilment tar-rikorrenti u t-talbiet konsegwenzjali għall-istess.

Id-dikjarazzjoni tas-soċjetà intimata u l-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv ppreżentat mill-istess soċjetà kontestwalment affetwawa l-attività tar-rikorrenti u kkawżawlhom danni ngenti, dana minħabba n-nuqqas drastiku fil-likwidità tagħhom. Ir-rikorrenti se jibqgħu isoffru dawn id-danni sakemm it-talba tas-soċjetà intimata ma tiġix iddikjarata infondata għar-raġunijiet premessi.

għaddew biex jitolbu lill-qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna, u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi, jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-talba tas-soċjetà intimata kif dedotta fl-ittra ġudizzjarju (referenza 854/21) mibgħuta lir-rikorrenti hija waħda infondata stante l-ftehim bejn il-partijiet illi għadu viġenti;

2. Tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 336/2021FDP ippreżentat kontestwalment mal-istess dikjarazzjoni.

   B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjeż kontra l-intimati ARMS Limited, Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma illi huma minn issa nġunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-intimata fis-26 t'April, 2021[1], li biha ġie eċċepit dan li ġej:

   1. Illi, is-Socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, hija kreditrici tar-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' mija u erbgha u tmenin, sitt mija u hamsa u tletin Ewro u sittax-il centezmu (€184,635.16), rapprezentanti konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull hlas iehor, flimkien ma imghaxx dovut skont il-ligi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra ufficjali bin-numru **854/2021**, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrenti lis-Socjeta Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

   2. Illi, is-Socjeta' esponenti dahlet fi ftehim mar-rikorrent, datat 26 ta' Novembru 2018, fuq hlas t'arretrati fuq diversi kontijiet intestati f'isem ir-rikorrenti (Ftehim Anness u mmarkat **DOK A**)

   3. Illi, minkejja li hemm tali ftehim bejn ir-rikorrenti u s-Socjeta' esponenti, ir-rikorrenti waqghu lura fil-hlasijiet indikati fl-istess ftehim u ghalhekk ma kienx qieghed jigi onorat mir-rikorrenti. Di piu', ma hu minnu xejn li r-rikorrenti kienu qeghdin ihallsu lis-Socjeta' esponenti fl-ammonti pattwiti, bhal kif qed jindikaw ir-rikorrenti fir-rikors taghhom, u dan kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati **DOK B**.

   4. Illi, minhabba f'hekk, il-bilanc rimanenti waqa' dovut kollu u ghalhekk ir-rikorrenti huma responsabbli in solidum ghal hlas tal-imsemmija somma hekk indikata fl-ittra ufficjali.

[1] A folio 9.

5. Illi, r-rikorrenti personalment jafu b'dan kollu u ghalhekk il-lanjanza taghhom m'hi xejn ghajr manuvra sabiex jizvijaw il-Qorti.

6. Illi, fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru ta' referenza **336/2021** (li qeghda ssir referenza ghalih fir-rikors tar-rikorrenti), qieghed jigi rilevat li l-imsemmi mandat m'ghandu xejn x'jaqsam mal-ittra ufficjali li skattat il-procedura odjerna u li ggib in-numru **854/2021**. Dan ghaliex, l-imsemmi mandat, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **DOK C,** gie intavolat abbazi ta' titolu ezekuttiv li s-Socjeta' esponenti ottjeniet fil-konfront ta' Simon Grima **biss** permezz ta' ittra ufficjali datata 8 t'Awwissu 2013, bin-numru ta' referenza **2377/2013** (kopja annessa u mmarkata **DOK D**)

7. Illi, dan kollu huwa ukoll kkonfermat fil-mandat ezekuttiv **336/2021**, fejn hemm indikat illi l-istess mandat hareg ai termini tal-istess ittra ufficjali **2377/2013** (u mhux dik bir-referenza **854/2021**) li giet ezekuttiva fil-konfront tar-rikorrent Simon Grima.

8. Illi ghalhekk jidher illi t-talba tar-rikorrenti hija bla bazi u infondata.

9. Illi, huwa ritenut anke skont id-dettami tal-Artikolu 466 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi r-rikors sabiex topponi l-ittra ufficjali mahruga taht l-istess artikolu jista' jsir sabiex jattakka u jopponi t-talba permezz ta' rikors li fih jitlob l-qorti sabiex tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.

10. Illi, huwa ritenut ukoll, li l-procedura kkontemplata taht l-Artikolu 466 tal-KAP 12, hija wahda ta' natura specjali u ghalhekk trid tigi segwita *ad litteram*.

11. Illi, ghalhekk isegwi li t-talba li saret mir-rikorrenti in kwantu tikkoncerna t-talba ghar-revoka tal-mandat ma setghetx ssir u per konsegwenza tintlaqa'.

    Ghaldaqstant, b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb bil-permess ta' din il-Qorti, s-Socjeta' esponenti pro et noe titlob li din l-istess Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali bin-numru 854/2021 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija reza ezekuttiva kontra r-rikorrenti.

3. Rat u semgħet ix-xhieda prodotti, kif ukoll id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata;

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata deċiżjoni;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija deċiżjoni dwar rikors li sar mir-rikorrenti b'oppożizzjoni għall-ittra uffiċċjali li ntbagħtet mill-intimata, fil-kwalitajiet tagħha fuq premessi, a tenur tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

7. Illi mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti kienu reġistrati bħala utenti tal-provvista tal-elettriku u tal-ilma f'diversi fondi u stabbilimenti. Jidher li l-ammont dovut b'rabta ma' dawn il-provvisti żdied ġmielu, u billi r-rikorrenti ma kienux qed iħallsu b'mod sodisfaċenti għall-intimata, intlaħaq ftehim fis-sens li l-ammont li kien dovut sa dak iż-żmien ġie kristallizzat permezz ta' skrittura privata[2], li fiha ġie miftiehem ukoll li r-rikorrenti għandhom iħallsu dak l-ammont permezz ta' rati mensili. Jirriżulta li r-rikorrenti ma żammewx mar-rati kif ftehmu fl-iskrittura, u għalhekk l-intimata mxiet b'ittra uffiċċjali skont l-artikolu 466 tal-Kodiċi preċitat sabiex titħallas tal-ammont sħiħ li kien imsemmi bħala dovut fl-istess skrittura. Ir-rikorrenti qed jopponu din il-pretensjoni għaliex jgħidu li l-ftehim dwar ħlas rateali fl-iskrittura għadu fis-seħħ, u għalhekk l-intimata m'għandhiex jedd għall-ammont sħiħ.

8. Fir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti talbu wkoll ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 336/2021[3]. Iżda dan il-mandat jidher li nkiseb bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv ikkostitwit permezz t'ittra uffiċċjali bin-numru 2377/2013[4], li wkoll saret skont l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li però ma kinitx ġiet opposta. F'kull każ, ir-rikorrenti rtiraw it-tieni talba tagħhom fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2021[5].

[2] Kopja eżebita a folio 12.
[3] Kopja legali eżebita a folio 177.
[4] Kopja eżebita a folio 61.
[5] Ara folio 71.

9. Illi l-ittra uffiċċjali li wasslet għal din il-proċedura ġiet preżentata fl-4 ta' Marzu 2021 u għandha n-numru progressiv 854/2021[6]. F'din l-ittra uffiċċjali, l-intimata, fl-istess kwalitajiet fuq premessi, filwaqt li għamlet riferenza għad-diversi kontijiet t'utilitajiet u stabbilimenti li minnhom twieled il-kreditu tagħha, interpellat lir-rikorrenti, a tenur tal-artikolu 466 preċitat, għall-ħlas tas-somma kumplessiva ta' €184,635.16. Fl-istess ittra uffiċċjali, u fid-dikjarazzjoni ġuramentata mehmuża magħha, jingħad li l-kreditu tal-intimata huwa ċert, likwidu u dovut.

10. Illi l-artikolu 466(1), li abbażi tiegħu saret l-ittra uffiċċjali li għaliha qed jopponu r-rikorrenti permezz tal-proċedura odjerna, jgħid hekk:

> Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.

11. Huwa evidenti minn qari ta' dan l-artikolu, kif ukoll minn eżami tar-rikors promotur u tar-risposta tal-intimata, li l-kwistjoni bejn il-kontendenti tirrivolvi madwar jekk id-dejn ta' €184,635.16 għandux jitqies <u>dovut</u> jew le. Jekk l-ammont huwa tassew dovut, kif

[6] Kopja eżebita a folio 4.

tgħid l-intimata, mela allura hi mxiet tajjeb fuq l-artikolu 466. Jekk l-ammont mhux dovut, jew mhux dovut kollu, mela allura r-riżultat ikun mod'ieħor.

12. Il-kontenut tal-iskrittura privata li kienet iffirmata bejn il-kontendenti għalhekk jassumi mportanza kbira. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-aktar rilevanti li ġew stipulati f'din l-iskrittura privata, li hija datata 26 ta' Novembru 2018, jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

    i. ir-rikorrenti flimkien u solidalment bejniethom għarfu li huma debituri tal-intimata fis-somma ta' €209,880.10;
    ii. ir-rikorrenti u l-intimata qablu li din is-somma se titħallas permezz ta' ħlasijiet rateali, u ċjoè €6,000 pagabbli fix-xahar t'Ottubru 2018; €10,000 pagabbli fix-xahar ta' Novembru 2018; u €6,000 fix-xahar minn Diċembru 2018 'il quddiem sakemm l-ammont jitħallas interament;
    iii. l-intimata żammet id-dritt li timputa l-ħlasijiet kif jidhrilha;
    iv. ġie miftiehem li n-nuqqas li jsir kwalsiasi ħlas ikun jikkostitwixxi ksur tal-ftehim, li jwassal għat-terminazzjoni awtomatika tiegħu. Ġie stipulat li jekk il-ħlasijiet ma jsirux fl-ammonti u fiż-żminijiet miftehma, id-debituri jitilfu l-benefiċċju taż-żmien, f'liema każ il-bilanċ rimanenti jsir dovut f'daqqa, bl-imgħax u mingħajr il-ħtieġa li ssir notifika ta' xi att ġudizzjarju;
    v. imgħax bir-rata ta' sitta fil-mija kellu jiddekorri f'każ li l-ftehim jiġi onorat.

13. Fix-xiehda tagħhom, ir-rikorrenti jgħidu biss li waqgħu lura fil-ħlasijiet u jsemmu r-raġunijiet għaliex, liema raġunijiet ma jinteressawx din il-kawża. Jgħidu mbagħad li għamlu ftehim mal-intimata dwar ħlas rateali, u li għamlu l-almu tagħhom biex jonoraw il-pagamenti[7]. Waqt il-kontro-eżami però r-rikorrenti stqarrew li tassew waqgħu lura fil-ħlasijiet[8].

14. Irriżulta wkoll li wara li saret l-ittra uffiċċjali meritu ta' din il-kawża, r-rikorrenti ma wettqu ebda ħlas ulterjuri[9], kif lanqas m'għamlu ħlasijiet ulterjuri fil-mori ta' din il-kawża[10].

---

[7] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti Mark William Grima a folio 77 u ta' Simon Grima a folio 79.
[8] Ara folio 203, u a tergo ta' folio 204, kif ukoll id-dokument eżebit a folio 174.
[9] Ara x-xiehda ta' Reuben Bonnici, a folio 172.
[10] Ara x-xiehda tar-rikorrent Mark William Grima, a tergo ta' folio 204.

Ikkunsidrat:

15. Illi l-ftehim li għalih waslu l-kontendenti permezz tal-iskrittura privata tas-26 ta' Novembru 2018 huwa dak imsejjaħ *constitutae pecuniae*, jew kostituzzjoni ta' debitu. Dan il-forma ta' ftehim dejjem jirreferi għal kreditu pre-eżistenti, u għalhekk huwa jedd addizzjonali li d-debitur jagħżel li jagħti lill-kreditur tiegħu, biex jaġevola u jsaħħaħ lil dak il-kreditur. «*Quando alcuno con questo patto promette al suo proprie creditore di pagarlo, nasce una nuova obbligazione, la quale non distrugge la prima cui era già tenuto, ma che vi accede; e con questa moltiplicazione d'obbligazioni il creditore si trova più sicuro*»[11].

16. F'din l-iskrittura privata, ġie miftiehem li l-ħlas tad-dejn ikkostitwit kellu jsir permezz ta' rati mensili. L-artikolu 1071 tal-Kodiċi Ċivili jispjega li, «*Iż-żmien ma jissospendix l-obbligazzjoni, iżda jdewwem biss l-esekuzzjoni tagħha*». Barra minn hekk, «*Dak li ma jkollux jingħata ħlief fi żmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien, imma dak li jkun tħallas bil-quddiem, ma jistax jintalab lura lanqas jekk id-debitur fiż-żmien tal-ħlas ma kienx jaf bil-ftehim dwar iż-żmien*»[12].

17. Meta jsir ftehim li bih id-debitur jingħata l-benefiċċju taż-żmien, il-kontraenti jistgħu jiftehmu, kif seħħ f'dan il-każ, li dak il-benefiċċju jintilef mid-debitur jekk isseħħ xi ġrajja partikolari. Din ix-xorta ta' kondizzjoni hija kkunsidrata bħala kondizzjoni riżoluttiva, għaliex meta l-ġrajja maħsuba sseħħ, iġġib il-ħall tal-obbligazzjoni[13]; f'dan il-każ, iġġib il-ħall tal-obbligazzjoni tal-kreditur li jirċievi l-ħlas tal-kreditu tiegħu skont iż-żmien miftiehem[14].

18. Il-liġi tagħraf żewġ xorta ta' kondizzjonijiet riżoluttivi. L-ewwel xorta ta' kondizzjoni riżoluttiva hija dik li tiġi miftehma espressament. It-tieni xorta hija dik li <u>titqies</u> magħmula u ċjoè hija preżunta, u tissejjaħ fil-lingwaġġ forensi «patt kommissorju taċitu». Il-liġi tgħid li din ix-xorta ta' kondizzjoni riżoluttiva titqies dejjem magħmula

[11] ***Pothier***, Trattato delle Obbligazioni, Vol.II, pġa.146.
[12] Artikolu 1072 tal-Kodiċi Ċivili.
[13] Artikolu 1066(1) tal-Kodiċi Ċivili.
[14] Ara per eżempju ***Negte. John Rose vs. Thomas William Chapel*** (Kummerċ, 11/3/1865 – Kollezz. Vol.III.287).

meta l-kuntratt ikun bilaterali[15]. Sikwit ġie deċiż li l-kondizzjonijiet riżoluttivi taċiti ma jeżistux fil-kuntest ta' ftehim ta' mutwu, għaliex il-mutwu huwa kuntratt unilaterali u għalhekk il-preżunzjoni stabbilita fl-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili ma tapplikax[16]. Dan jgħodd ukoll, fil-fehma ta' din il-qorti, għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, li huwa kuntratt unilaterali, billi huwa biss id-debitur li qed jassumi obbligazzjonijiet fih.

19. Id-distinzjoni bejn iż-żewġ xorta ta' kondizzjonijiet riżoluttivi m'hijiex biss fil-forma tagħhom, fejn waħda hija espressa u l-oħra hija preżunta, imma b'mod partikolari fl-effetti tagħhom, fejn id-distinzjoni ewlenija bejn il-kondizzjoni riżoluttiva espressa u l-kondizzjoni riżoluttiva taċita hija li fil-każ ta' l-ewwel waħda, it-terminazzjoni tal-ftehim isseħħ *ipso jure* u l-qorti ma tistax tagħti żmien lid-debitur biex jirrimedja, mentri fil-każ tat-tieni, il-qorti jkollha d-diskrezzjoni illi tagħti lid-debitur żmien għal *purgazione della mora*. Dan il-premess kollu jitnissel minn qari tal-artikoli 1066, 1067 u 1068 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu, f'entrambi każijiet trid tkun il-qorti li tiddikjara l-kuntratt xjolt, u ebda waħda mill-partijiet ma tista' unilateralment ixxolji l-kuntratt mingħajr ma tadixxi l-awtorità ġudizzjarja. Dan jgħodd ukoll fejn il-kundizzjoni tkun espressament riżoluttiva, tant illi l-artikolu 1067 proprju jikkontempla komunkwe l-intervent tal-qorti. Dak premess huwa wkoll sostnut minn qari ta' l-artikolu 1069(1), li jipprovdi kif ġej:

> Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.
> (sottolinear miżjud)

20. Illi l-artikolu 1069 jipprovdi r-rimedji tal-parti kreditriċi fil-każ fejn parti f'kuntratt tonqos mill-obbligazzjoni tagħha. Din id-disposizzjoni tgħid illi l-parti kreditriċi jkollha l-jedd jew li titlob il-ħall tal-kuntratt (u mhux tħoll il-kuntratt hi stess) jew inkella li ġġiegħel lid-debitur jeżegwixxi. F'kull każ, skont it-tieni subinċiż, il-kreditur jista'

---

[15] Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili.
[16] Ara per eżempju ***Michele Vella vs. Pietro Grech*** (Prim'Awla, 28/2/1871 – Kollezz. Vol.V.490); ***Felix Borg vs. Paul Vella Muscat*** (Prim'Awla, 26/3/1957 – Kollezz. Vol.XLI.ii.948).

jitlob id-danni. Huwa evidenti li t-talba li jrid jagħmel il-kreditur trid issir lill-awtorità ġudizzjarja, u li għalhekk ix-xoljiment tal-kuntratt ma jistax isir unilateralment mill-partijiet imma hija neċessarja dikjarazzjoni ġudizzjarja.

21. Illi l-pożizzjoni esposta permezz tal-paragrafi preċedenti hija kondiviża mill-iskorta tal-ġurisprudenza. «*Ir-regola ġenerali li tirregola l-kuntratti* ***ma tippermettix it-terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt minħabba inadempjenza****, iżda tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tagħti żmien raġjonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora. F'materja kummerċjali, din ir-regola hija varjata fis-sens li l-Qorti m'għandiex din id-diskrezzjoni iżda għandha tħoll il-kuntratt.* ***F'kull każ, iżda hija l-Qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt***» (***St. Andrew's Farm and Building Company Limited vs. Henry Sultana***, Prim'Awla, 26/4/2002). Hekk ukoll: «*Fil-każ ta' kundizzjoni riżoluttiva espressa, il-Qorti ma tagħtix żmien lill-parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas tagħha. Fejn invece il-kundizzjoni riżoluttiva m'hijiex espressa imma waħda taċita f'dan il-każ il-kuntratt ma jinħallx ipso jure.* ***Madanakollu, fiż-żewġ każi huwa meħtieġ li r-riżoluzzjoni tintalab b`talba ad hoc u li din tiġi akkolta***» (***Francis Abela et vs. Karl Bonello nomine***, Appell Superjuri, 31/5/2002). Dan il-prinċipju ilu jiġi applikat fl-ordinament ġuridiku tagħna għal diversi snin, tant li wieħed isib din l-applikazzjoni anke f'deċiżjoni li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1870 fl-ismijiet ***Commte Fedele Grima vs. Francesco Le Brun***[17] (ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza hawn fuq imsemmija ***Abela et vs. Bonello noe***), fejn intqal li «*Che sebbene secondo il detto art. 773 quando la condizione risolutiva è espressa, il contratto, verificata la condizione, si scioglie ipso jure, a differenza del caso, in cui la condizione fosse sottointesa ed in cui la risoluzione non succede ipso jure, pure tra gli effetti dell' una e dell' altra condizione in sostanza non vi sarebbe altra differenza, che nel primo caso la Corte non può accordare alcuna dilazione, nel mentre che nell' altro caso può accordare una moderata dilazione, in modo che* ***tanto nell' uno che nell' altro caso, come evidentemente dimostrano i termini dei menzionati articoli, e' necessario che la risoluzione sia giudizialmente domandata – e quindi dalla Corte dichiarata***» (enfażi miżjud). Ferm aktar riċentement, din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata mill-ġdid. Issir riferenza għall-kawża ***George Vella et vs. Simon sive Xmun Azzopardi et*** (Appell Superjuri, 6/10/2020), u għall-ġurisprudenza ċitata hemmhekk.

---

[17] Kollezz. Vol.V.413.

22. Taħt il-Kodiċi Ċivili Franċiż, imsejjaħ il-Kodiċi Napoljoniku, is-sitwazzjoni kienet differenti ferm, tant li fid-duttrina esposta minn varji awturi Franċiżi jingħad li fejn il-kondizzjoni riżoluttiva tkun espressa, il-kuntratt huwa xjolt mingħajr il-ħtieġa tal-intervent tal-qrati[18]. Dan però kien dovut għall-fatt li l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Franċiż huma different minn dawk tal-Kodiċi tagħna[19], u għalhekk din id-duttrina ma tapplikax fil-kuntest lokali[20].

23. B'rilevanza partikolari għall-fattispeċi tal-każ odjern, il-qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni ***Vincent Albert Muscat vs. Rudolph Xuereb nomine*** (Appell Superjuri, 28/1/2000)[21], fejn intqal hekk:

> Għalhekk, la darba l-kreditur ma setax jitlob l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni qabel l-għeluq tat-terminu li f'dan il-każ kien ġie estiż bil-ftehim ta' pagamenti b'rati soġġett ta' klawsola ta' dekadenza, kien ċar li ma setax jingħad li l-kreditu kien għalaq u li allura kien dovut, qabel ma jkun ġie ivverifikat ġudizzjarjament li ċ-ċirkostanzi li ipprovokaw id-dekadenza kienu seħħew. F'dan il-kuntest il-frażi "u li għalaq" kellha tiġi bi preċiżjoni interpretata. Il-liġi ma titkellimx fuq kuntratt dwar dejn ċert, likwidu u li jagħlaq,

---

[18] Ara, per eżempju, ***Mourlon***, Ripetizioni Scritte sopra i tre esami del Codice Napoleone (1861), Vol.II, pġi. 616-619; ***Laurent***, Principii di Diritto Civile, Vol.XVII, §114; ***Baudry Lacantinerie et Barde***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile: Delle Obbligazioni, §884.

[19] Fil-fatt, il-Kodiċi Franċiż kien fih biss żewġ dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kondizzjonijiet riżoluttivi, u ċjoè l-artikoli 1183 u 1184. L-artikolu 1183 huwa sostanzjalment identiku għall-artikolu 1066 tal-Kodiċi tagħna. L-artikolu 1184 jgħid: «*La condition résolutoire est tojours sous-entendue dans le contrats synallagmatiques, pour le cas où l'une des deux parties ne satisfera point à son engagement. Dans ce cas, le contrat n'est point résolu de plen droit. La partie envers laquelle l'engagement n'a point été exécuté, a le choix ou de forcer l'autre à l'exécution de la convention lorsque'elle est possible, ou d'en demander la résolution avec dommages et intérêts. La résolution doit étre demandée en justice, et il peut être accordé au défendeur un délai selon les circostances*». Fi kliem ieħor, il-liġi ċivili Franċiża kienet teżiġi li l-kreditur jitlob il-ħall tal-obbligazzjoni biss fil-każ tal-kondizzjoni riżoluttiva taċita, li saħħet l-interpretazzjoni li l-ħall tal-obbligazzjoni mhux meħtieġa li tintalab meta dik il-kondizzjoni tkun espressa. Kif rajna, l-liġi tagħna inkitbet mod'ieħor.

[20] Il-lokuzzjoni wżata fil-Kodiċi Franċiż kienet segwita wkoll f'bosta kodiċijiet oħrajn kontinentali, fosthom l-artikolu 1137 tal-Kodiċi taż-Żewġ Sqallijiet, l-artikolu 581 tal-Kodiċi Ticino, l-artikolu 1275 tal-Kodiċi Sard, l-artikoli 1235, 1236 u 1237 tal-Kodiċi Estensi u eventwalment l-artikolu 1165 tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865. Kien differenti però l-artikolu 1159 tal-Kodiċi ta' Parma: «*La condizione risolutiva non ha luogo se non quando sia espressamente pattuita. In questo caso però il contratto non è sciolto ipso jure. La parte, verso cui non fu eseguita l'obbligazione, ha la scelta o di constringere l'altra all'adempimento della convenzione, quando ciò sia possibile, o di chiederne lo scioglimento, e insieme i danni ed interessi*». Min-naħa l-oħra l-artikolu 919 tal-Kodiċi Ċivili tal-Awstrija kien jeskludi r-rimedju tax-xoljiment tal-kuntratt salv f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tagħti dak ir-rimedju jew fejn il-partijiet espressament jiftehmu dwar dik il-konsegwenza, f'liema każ però x-xoljiment ried dejjem jintalab (viz. ***Guntramo Hæmmerle***, Manuale del Codice Civile Austriaco, Vol.II, pġa.96-98; ***De Zeiller***, Commentario sopra il Codice Civile Universale della Monarchia Austriaca, Vol.III, Pte I, pġa.111-113).

[21] Kollezz. Vol.LXXXIV.ii.23.

> imma fuq dejn ċert, likwidu u li jkun definittivament għalaq;
>
> F'dan is-sens hi wkoll il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati:
>
> "*Quando la decadenza dal beneficio del termine è espressa, il creditore può procedere all'esecuzione del titolo, senza far procedere l'autorizzazione giudiziale; ma quando la decadenza dipende da una condizione, come per esempio dalla mora nel pagamento di rate mensili, è necessaria la autorizzazione giudiziale all'esecuzione del titolo, anche quando non son trascorsi tre anni dalla data dello stesso*" (Vol. XVI.III.103) (Vol. XXI.III.249);
>
> Il-fatti li l-partijiet fil-kuntratt *de quo* kkonvenew illi jekk id-debitur jibqa' inadempjenti, il-Bank kien ikollu d-dritt li jitolbu, permezz ta' ittra uffiċjali, li jħallas u f'każ li jibqa' ma jħallasx fi żmien xahar min-notifika ta' ittra uffiċjali, il-bilanċ dovut u l-interessi kien ikun pagabbli a sempliċi rikjesta bil-miktub, ma kienx jeskludi l-obbligu tal-kreditur illi jitlob il-verifika ġudizzjarja tal-fatt ta' dekadenza.

24. Għalkemm din id-deċiżjoni kienet qed tqis il-kwistjoni taħt l-artikolu 253(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konsiderazzjonijiet magħmula u hawn fuq kaptati jgħoddu wkoll għall-każ li għandha quddiemha l-qorti bħalissa.

25. Fil-każ tagħna, il-kondizzjoni riżoluttiva ġiet espressament pattwita, u għalhekk japplika l-artikolu 1067 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid:

> Jekk il-kondizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt,dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall *ipso jure*, u l-qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut.

26. Għalhekk la darba r-rikorrenti waqgħu lura mill-ħlas, l-intimata kellha l-jedd li titlob lill-qorti kompetenti sabiex issib li seħħet il-kondizzjoni riżoluttiva li biha ġiet miftehma d-dekadenza tar-rikorrenti mill-benefiċċju taż-żmien, u l-qorti li jkollha quddiemha talba bħal dik m'għandha ebda diskrezzjoni sabiex tagħti lir-rikorrenti żmien biex jispurgaw il-morożità tagħhom. Iżda l-intimata ma ħaditx din l-azzjoni, u għalhekk ma jistax jingħad li l-ammont dovut mir-rikorrenti u li l-ħlas tiegħu kien

sospiż biż-żmien sar dovut minħabba n-nuqqas tal-ħlas (ara fl-istess sens ***Calcedonio Ciantar vs. Francis Grech et***, Prim'Awla, 6/3/1965[22]).

27. Dan ma jfissirx li l-azzjoni tal-intimata taħt l-artikolu 466, meta saret, kienet kollha ħażina, għaliex anki jekk ir-rikorrenti ma tilfux il-benefiċċju taż-żmien (minħabba li ma saret ebda talba ġudizzjarja għal dan il-għan), xorta jibqa' l-fatt li kien hemm numru ta' rati li ma tħallsux mir-rikorrenti u dawk ir-rati li kienu għalqu, u li baqgħu mhux imħallsa, huma ċertament dovuti.

28. Hemm però ċirkostanza oħra li twassal lil din il-qorti biex, f'kull każ, tiċħad it-talba rimanenti tar-rikorrenti. Huwa evidenti li, matul iż-żmien li damet tinstema' din il-vertenza, l-iskadenzi kollha miftehma fl-iskrittura privata tas-26 ta' Novembru 2018 effettivament skadew, bil-konsegwenza li l-bilanċ kollu dovut mir-rikorrenti u pretiż mill-intimata permezz tal-ittra uffiċċjali mpunjata illum huma ċertament dovuti. Mhux għaliex ir-rikorrenti ddekadew mill-benefiċċju taż-żmien, li kif rajna biex jintilef jeħtieġ dikjarazzjoni ġudizzjarja. Imma għaliex iż-żmien laħaq għadda, u għalhekk it-talba tar-rikorrenti jistħoqqilha tiġi miċħuda b'applikazzjoni tal-prinċipju li *jus superveniens firmat actionem et exceptionem* (ara dwar dan ***Maria Stella Balzan pro et noe vs. Carmelo Borg***, Appelli Kummerċjali, 16/1/1953)[23].

29. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Emmanuele Vella vs. Dr. Pietro Paolo Galea et*** (3/5/1948)[24]: «*Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna, illi "jus superveniens firmat actionem et exceptionem"; u għalhekk, jekk waqt il-kawża jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuża tiġi msaħħa. Il-fundament ta' dan huwa preċiżament l-ekonomija tal-ġudizzji u ta' l-ispejjeż*». Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Paolo Schembri vs. Rosina Bonnici et*** (Appell Superjuri, 12/6/1953)[25] u d-deċiżjoni ***Carmelo Attard vs. Joseph Attard pro et noe et*** (Appell Superjuri, 10/10/2003). Ta' rilevanza dwar l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju hija wkoll id-deċiżjoni ***Guido Laferla noe et vs. Dottor Vincent Falzon et*** (Prim'Awla, 23/11/1984)[26]:

[22] Kollezz. Vol.XLIX.ii.796.
[23] Kollezz. Vol.XXXVIII.i.435.
[24] Kollezz. Vol.XXXIII.i.252.
[25] Kollezz. Vol.XXXVII.i.220.
[26] Kollezz. Vol.LXVIII.iii.168.

> Huwa evidenti għalhekk li l-każijiet fejn l-obbligazzjoni li tkun il-bażi ta' l-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni jew terminu u din il-kondizzjoni tavvera ruħha jew it-terminu jagħlaq waqt il-kawża mhumiex, kif qegħdin jippretendu l-konvenuti, l-uniċi każijiet fejn tiġi applikata l-imsemmija dottrina. Dawn il-każijiet, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Cini *vs* Galea**, ġà ċċitata huma biss każijiet tipiċi imma mhumiex tassattivi b'mod assolut. U fil-fatt, tkompli tgħid il-Qorti ta' l-Appell fl-istess kawża, id-dottrina ġiet applikata mill-Qrati tagħna anke meta id-difett inizjali ġie sanat bis-sopravenjenza tad-dritt wara l-eċċezzjoni, saħansitra meta l-kawża kienet fl-istadju ta' l-appell

30. La darba għalhekk it-terminu sħiħ li kien konċess lir-rikorrenti biex iħallsu għadda, anki jekk fil-mori ta' din il-proċedura, isegwi li l-kreditu pretiż mill-intimata huwa dovut fl-intier tiegħu illum[27], *multo magis* meta jirriżulta paċifiku li ma sar ebda ħlas mir-rikorrenti wara l-ispedizzjoni tal-ittra uffiċċjali mpunjata.

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-każ billi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti billi din kienet ġiet irtirata, tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Onor. Mark Simiana, LL.D

Imħallef

Lydia Ellul

Deputat Reġistratur

[27] Ara wkoll f'dan is-sens ***Giuseppe Pulo vs. Michele Saffarese*** (Prim'Awla, 29/10/1920 – Kollezz. Vol.XXIV.ii.281).